**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2002**

**Numru 11**

**Avviz. numru 147/02JR**

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Maria Dolores Abela sija bil-polza u sija bil-Ligi u l-istess maria Dolores Abela**

**vs**

**Mario Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u hames liri Maltin (Lm105.00), jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tas-26 t'April, 2001, fi Triq Nelson kantuniera ma' Triq Sant' Anna,**

**Floriana, bejn vettura numru ta' registrazzjoni DBY-412 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru ta' registrazzjoni IBF-334 misjuqa minn Maria Dolores Abela, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi (sitt liri tal-konsult) u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikurattrici tal-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Frar, 2002, fejn intqal:**

i. **Illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament htija ta' l-attrici maria Dolores Abela;**
ii. **Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni;**
iii. **Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi;**
iv. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' John Lentini, PS 1417 Stephen Tarpey, Maria Dolores Abela, Mario pace u Guzeppi Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li grat fis-26 t'April, 2001, fi Triq Nelson kantuniera ma' Triq Sant' Anna, Floriana, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni DBY-412 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru ta' registrazzjoni IBF-334 misjuqa minn Maria Dolores Abela.**

2. **Jirrizulta li z-zewg vetturi keinu mexjin lejn ir-roundabout fejn hemm il-"war memorial". Il-konvenut kien qed jipprecedi lill-attrici, u dana jirrizulta mix-xhieda kif ukoll mill-isketch.**

3. **Jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq fil-karreggjata ta' gewwa qabel ma telaq l-"give way sign" biex imur fid-direzzjoni tar-roundabout. Huma hu hergin mill-Belt, ix-xarabanks kollha jiehdu l-karreggjata ta' gewwa.**

4. **L-attrici kienet fil-karreggjata ta' barra, gejja mill-"car park". Skond l-attrici l-incident gara peress illi tax-xarabank ipprova jaqla mix-xellug waqt li hi qed iddur mar-roundabout. L-attrici l-ewwel xehedet li qalat qablu, u wara qalet li qalghu flimkien.**

5. **Jigi rilevat li tax-xarabank, skond ma hemm fir-road accident report, kellu l-indicator mixghul, biex juri li kien sejjer fid-direzzjoni tal-lemin.**

6. **Jirrizulta li l-attrici intlaqtet fuq quddiem fuq ix-xellug. Filwaqt li x-xarabank intlaqat fuq il-kantuniera fil-bumper ta' wara.**

7. **It-Tribunal minn valutazzjoni tal-fatti, specjalment minn kif spiccaw il-vetturi wara l-kollizjoni, u mid-danni riportati fil-vetturi, hu soddisfatt illi x-xarabank kien qed jipprecedi lill-attrici hu u miexi fid-direzzjoni tar-roundabout.**

8. **Kif ritenut mill-Qrati taghna:**

> **"Fil-kors ordinarju tat-traffiku stradali, vejikolu li jkun miexi quddiem vejikolu iehor, u jigi milqut mill-vejikolu ta' warajh, ikollu favur tieghu, salvi cirkustanzi specjali, il-principju**

> illi responsabbli tal-habta jkun il-vejikolu ta' wara……" (William Buhagiar vs Nazzareno Borg –App.Civ. 1.6.1959).

It-Tribunal iqies illi l-attrici filwaqt li tax-xarabank kien qed jipprecediha, ma kienetx attenta bizzejjed, u kien dan il-fatt li kkawza l-kollizzjoni.

Ghaldaqstant peress illi ghall-incident ma kienx jahti il-konvenut, it-Tribunal qed jichad it-talba attrici. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

Dr Joseph Refalo
Gudikatur